

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/1552

tat-28 ta' Settembru 2018

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Koperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, mill-parti l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija UE-Ażerbajġan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea u mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, mill-parti l-oħra ⁽¹⁾ (il-"Ftehim") kien ġie ffirmat fit-22 ta' April 1996 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999.
- (2) Taħt l-Artikolu 81 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Koperazzjoni stabbilit mill-Ftehim jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet adatti għall-għan li jinkisbu l-oġġettivi tal-Ftehim.
- (3) Il-Kunsill ta' Koperazzjoni se jadotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ażerbajġan permezz ta' proċedura bil-miktub.
- (4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Koperazzjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija UE-Ażerbajġan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, fisem l-Unjoni, fil-Kunsill ta' Koperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, mill-parti l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija UE-Ażerbajġan, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Koperazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

M. SCHRAMBÖCK

⁽¹⁾ ĠUL 246, 17.9.1999, p. 3.

ABBOZZ

RAKKOMANDEZZJONI Nru 1/2018 TAL-KUNSILL TA' KOPERAZZJONI UE-AŻERBAJĠAN**ta'****dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ażerbajġan**

IL-KUNSILL TA' KOPERAZZJONI UE-AŻERBAJĠAN,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, mill-parti l-oħra ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 81 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, mill-parti l-oħra (il-"Ftehim"), kien ġie ffirmat fit-22 ta' April 1996 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999.
- (2) Taħt l-Artikolu 81 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Koperazzjoni jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet adatti għall-għan li jinkisbu l-oġġettivi tal-Ftehim.
- (3) Taħt l-Artikolu 98 tal-Ftehim, il-Partijiet għall-Ftehim għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex jitwettqu l-obbligazzjonijiet tagħhom taħt il-Ftehim u għandhom jaraw li l-oġġettivi mniżżla fil-Ftehim jintlaħqu.
- (4) Ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ippropona fażi ġdida ta' relazzjonijiet mas-sħab, li tippermetti sens akbar ta' sjieda miż-żewġ naħat.
- (5) L-Unjoni Ewropea u l-Ażerbajġan jixtiequ li jikkonsolidaw is-sħubija tagħhom billi jiftiehemu dwar sett ta' prijoritajiet għall-perjodu 2018-2020 bl-għan li jappoġġjaw u jsaħħu r-reżiljenza u l-istabbiltà tal-Ażerbajġan.
- (6) Il-Partijiet għall-Ftehim għalhekk qablu fuq it-test tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ażerbajġan, li se jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim, filwaqt li jiffokaw il-koperazzjoni fuq interessi kondiviżi identifikati b'mod komuni,

ADOTTA R-RAKKOMANDEZZJONI LI ĠEJJA:

Artikolu 1

Il-Kunsill ta' Koperazzjoni jirrakkomanda li l-Partijiet għall-Ftehim jimplimentaw il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ażerbajġan, kif jinsabu fl-Anness ⁽²⁾.

Artikolu 2

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill ta' Koperazzjoni**L-Unjoni Ewropea**Ir-Repubblika tal-Ażerbajġan*

⁽¹⁾ ĠUL 246, 17.9.1999, p. 3.

⁽²⁾ ST 11898/18.